QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr Joseph Zammit McKeon LL.D. – Agent President**

**Onor. Imħallef Dr Abigail Lofaro LL.D.**

**Onor. Imħallef Dr Edwina Grima LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 27 ta` Marzu 2018**

**Att ta' Akkuza**

**Nru. 21/2003**

**Ir-Repubbblika ta' Malta**

**v.**

**John Attard**

**Il-Qorti :**

Rat l-Att tal-Akkuża mressaq quddiem il-Qorti Kriminali mill-Avukat Ġenerali fl-04 ta' Awwissu 2003, kontra John Attard li bis-saħħa tiegħu l-istess Avukat Ġenerali akkużah, fl-Ewwel Kap wara li ippremetta fl-Ewwel u l-Uniku Kap illi fl-ghaxra (10) ta' Awissu, tal-elfejn u wiehed (2001) ghall-habta tal-ghaxra nieqes kwart ta' filghaxija (9.45 pm) Fortunata Spiteri, li kienet Gwardjana Lokali, giet aggredita fi Triq ir-Rabat, l-Gharb Ghawdex, minn diversi persuni fosthom John Attard armati bi skieken. Illi dan sar bhala tpattija talli Fortunata Spiteri kienet qed taghmel id-dover taghha bhala Gwardjana Lokali. F'mument minnhom John Attard flimkien ma ohrajn, ta diversi daqqiet ta' sikkina lil Fortunata Spiteri dolozament bil-hsieb li joqtol lill-istess Fortunata Spiteri jew li jqieghedilha l-hajja taghha f'perikolu car, u fil-fatt ikkagunalha l-mewt. Wara dan telaq minn fuq il-post ma` shabu. Illi b'ghemilu l-imsemmi John Attard sar hati t'omicidju volontarju u cioe' talli dolozament bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f'perikolu car, ikkagunalha l-mewt.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali akkuza lill-imsemmi John Attard hati ta' omicidju volontarju u cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f'perikolu car, ikkagunalha l-mewt. Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomru skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 211(1)(2) u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fl-20 ta' Novembru 2010 li bis-sahha taghha wara li dik il-Qorti rat il-verdett tal-gurati ta' dak in-nhar stess li bih b' sebgha (7) voti favur u b'zewg (2) voti kontra sabu lill-akkuzat John Attard mhux hati tal-Ewwel u l-Uniku Kap tal-Att tal-Akkuza bhala awtur izda bhala komplici, u ghalhekk instab mhux hati talli fl-ghaxra (10) ta' Awissu, tal-elfejn u wiehed (2001) ghall-habta tal-ghaxra neqes kwart ta' filghaxija (9.45 pm) fi Triq ir-Rabat, l-Gharb Ghawdex, dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f'perikolu car, ikkagunalha l-mewt, bhala awtur, izda nstab hati bhala komplici fl-istess delitt.

Rat illi l-Ewwel Qorti wara li rat l-artikoli 42(a)(b)(c)(d)(e), 43 b'referenza ghall-artikolu 211(1)(2) u 533 tal-Kodici Kriminali ikkundannat lill-hati John Attard ghall-piena ta' prigunerija ghall-ghomru - kif ukoll ikkundannatu ihallas is-somma ta' sitt elef, mitejn u sitta w sittin Euro u disgha' w erbghin centezmi (€6266.49) rapprezentanti l-ispejjez totali tal-perizji inkorsi fil-process, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Rat li l-Ewwel Qorti waslet għall-imsemmija deċiżjoni wara li fliet l-atti proċesswali, rat il-fedina penali u semgħet is-sottomissjonijiet tal-avukati tal-partijiet, b'mod partikolari, hija qieset hekk:

*"Minn ezami akkurat tal-fedina penali tal-hati jidher illi dana ghandu karattru refrettarju ghall-ahhar. Hajtu kollha jisfida lill-awtorita' w jidher illi huwa aktar propens jaghmel li jrid, meta jrid u kif irid. Il-fatt illi hafna mir-reati w kontravenzjonijiet li jidhru fil-fedina penali huma marbuta max-xoghol tieghu turi ukoll illi anki hemmhekk il-hati ghandu nuqqas ta' dixxiplina kbira w ma*

*jimpurtahx mir-regolamenti u l-komportament tieghu mal-pubbliku. Din il-vina tibqa' ssegwi lill-hati tul hajtu kollha bi sfidi kontinwi lejn l-awtorita' w is-socjeta' biex wasal ukoll biex ikkommetta dak ir-reat serju fin-1975. Huwa veru illi l-hati mhuwiex addebitat bir-recidiva w l-Qorti mhijiex sejra tikkonsidra dan, pero' ma tistax twarrab ir-responsabbilita' taghha w tara illi s-socjeta' civili onesta tkun imwarba minn elementi distabbilizzanti bhal ma hu l-hati. Ghamel bizzejjed sfidi lejn is-socjeta' w issa wasal iz-zmien illi s-socjeta' tiehu f'idejha r-rigni u tara illi l-hati ma jkunx aktar ta' theddid ghas-sigurta' w l-paci taghha. Il-komplicita' tieghu f'dan id-delitt huwa "the last straw" u issa l-gustizzja trid tara illi l-hati ma jergax ikollu opportunita' ohra illi jwettaq xi reat jew delitt bi sfida lejn is-socjeta' li taghha jaghmel parti. Ghalhekk ladarba l-hati kkalpesta d-drittijiet tas-socjeta' w ma tahx kaz u ma impurtahx mill-hsara illi ghamillha, mhux il-kaz li issa s-socjeta' turih xi hniena w ghandha tirrispondih bl-istess mizura illi l-hati aggixxa maghha."*

Rat ir-rikors ta' l-appell imressaq mill-akkuzat John Attard fid-09 ta' Dicembru 2010 li bih u ghar-ragunijiet hemmhekk imsemmija talab lil din il-Qorti tikkonferma s-sentenza moghtija fil-konfront tieghu fl-20 ta Novembru 2010 f'dik il-parti li minnha l-appellant gie misjub mhux hati u tirriformaha billi thassarha, tirrevokaha u tannullaha fil-partijiet fejn instabet htija. Subordinatament, li l-istess sentenza tigi riformata sabiex tinghata piena aktar adegwata ghac-cirkostanzi tal-kaz, senjatament li genwinament u spassjonatament tirrifletti l-verdett tal-gurati.

Rat ir-risposta imressqa mill-Avukat Generali fis-27 ta' Marzu 2015.

Semghet trattazzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat,**

Illi l-impunjattiva imressqa mill-appellanti fl-appell minnu intavolat b'mod ewlieni tattakka l-indirizz moghti mill-Imhallef li ippresjeda il-guri meta jallega illi inghata nuqqas ta' direzzjoni (*misdirection*) lill-gurija popolari imsejjha biex tiddeciedi dwar l-akkuza intentata kontra tieghu mill-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta. Imbaghad iqanqal aggravju iehor marbut mal-apprezzament tal-provi li sar mill-gurati u subordinatament ghal dawn iz-zewg aggravji l-appellanti jilmenta finalment illi l-piena moghtija fil-konfront tieghu ta' ghomru il-habs ma hijiex wahda idonja ghac-cirkostanzi tal-kaz u lanqas ma tirrifletti il-verdett tal-gurati.

Arginati l-aggravji imqanqla mill-appellanti, din il-Qorti sejra tghaddi biex titratta kull wahda minnhom *seriatim*.

1. **<u>L-ewwel aggravju – L-indirizz tal-Imhallef.</u>**

Illi l-appellanti, ghalkemm jikkoncedi illi l-gurati gew sewwa indirizzati mill-Imhallef togat u dan fir-rigward ta' l-akkuza migjuba kontra tieghu, ta` l-evidenza u l-provi, inkluzi allura dawk migjuba mid-difiza, isib oggezzjoni madanakollu ghas-segwenti bran fl-imsemmi indirizz:

*"Jigifieri l-ligi avolja ttikom guidelines pero' ma tghathikomx ezatt isma' hekk, hekk u hekk, thalli f'idejkom, pero' I aktar frazi mportanti f'dan il-paragrafu*

*kollu hija dawn l-erba kelmiet ta' fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa, dik ibqghu zommuha f'mohhkom.[1]"*

Kif ukoll l-eghluq tal-indirizz meta l-gurati gew hekk iggwidati:

*"Umbaghad ghandna l-versjoni moghtija mill-akkuzat, illi dan kien niezel din in-nizla u jara dawn it-tliet minn nies u Bennu saqsieh ghal lift. U l-iehor ghax beza ghabbihom. Jidher hawn cirku ta' biza' fiha din Benny jghid li jibza mill akkuzat minn Ganni Attard, Ganni Attard jghid li jibza minn Benny Attard u ghandna dan ic-cirku ta' biza. Pero' nafu bic-cert li l-intenzjoni ta' Benny Attard dak il-hin li huma kienu mexjin fit-triq kienet Illi jikkawzaw hsara lil-Fortunata Spiteri. Mela mmaginaw ftit dan ix-xenarju, ghandek tlieta minn nies, Benny Attard, Maria Attard, Guzeppi Farrugia pjuttost anzjan nezlin bil-mixi mix-Xaghra ghal Ta' Pinu bil-mixi biex joqtlu persuna bil-mixi. Jiffacca l-akkuzat b'karozza bajda mhux tieghu, ghax ahna nafu l-kuluri taghhom, b'kumbinazzjoni dawn jarawh u Benny isaqsieh biex jaghtihom lift sar-Rabat. U dan ghax jibza minnhom, ghax jibza minn Benny jaghtihom dan l-lift.*

*Sinjuri araw din Il versjoni, araw Il- versjonijiet l-ohra, ghandhommis-sewwa?*
*....*

*Omissis*

*Ghandek dawn it-tlieta minn nies nezlin bil-mixi mix-Xaghra ghal ta' Pinu kwazi, bil-mixi biex iwettqu delitt, u kumbinazzjoni jiltaqghu mal-akkuzat. Araw intom sinjuri. Araw intom kemm din il-versjoni u l-versjonijiet l-ohra li gew moghtija ghandhomx mis-sewwa.[2]"*

---

[1](pagna 13 tal-indirizz paragrafu 4)

[2] (pagna 14 raba paragrafu sa pagna 15 l-ewwel paragrafu)

Jilmenta illi l-fatt wahdu, kif allegat mill-appellanti, illi tlieta minn nies kienu mexjin lejn ir-Rabat mix-Xaghra, Ghawdex ma kellux jimpingi fuq il-kredibbilita' tal-verzjoni moghtija minnu ta' kif svolga dan l-event kriminuz, kif donnu kien qed jiggwida l-Imhallef lill-gurati u bit-ton tal-vuci li kien qed isir dan, iktar u iktar meta dan il-fatt ma isemmiex mill-Prosekuzzjoni. Fil-fatt migbuda l-attenzjoni tal-Qorti ghal dan il-fatt u cioe' illi l-Prosekuzzjoni qatt ma qanqlet dan il-punt fis-sottomissjonijiet taghha, l-appellanti jikkontendi illi l-Imhallef jindirizza lil-gurati b'dan il-mod:

*"Giet migbuda l-attenzjoni tieghi minn naha tad-difiza u jiena nahseb li ghandhom daqxejn ragun, illi meta jiena semmejtilkom dik il-possibilita', meta jien ipprezentajtilkom dik is-sitwazzjoni, dawk it-tlieta minn nies nezlin mix-Xaghra bil-mixi biex imorru Ta' Pinu. Gibbduli l-attenzjoni illi bhala counter-argument Ii jien ghandi d-dover Ii inressqilkom li dawn setghu marru by bus. As a counter argument, biex tikkunsidrawha wkoll. Jigifieri kif ghedtilkom qabel minflok kienu sejrin bil-mixi setghu kienu mexjin bil-bus.[3]"*

Fil-fatt wara dan il-gurati poggew serje ta' mistqosijiet lill-Imhallef li jindikaw illi d-dikjarazzjonijiet minnu maghmula, kif inghad, kienu taw interpretazzjoni u evalwazzjoni tal-provi imressqa b'mod illi influwenza id-decizjoni tal-gurati. Dan fil-fehma tal-appellanti jikkostitwixxi *misdirection* car.

L-Avukat Generali jilqa' ghal dan l-argument ivventilat mid-difiza meta isostni illi dak li kienet qed taghmel il-Qorti f'din il-parti ta'l-indirizz kien semplicement illi tassissti lill-gurati fl-ezercizzju analitiku rimess lilhom fil-manzjoni risposta fuqhom bil-ligi li jiddeciedu dwar il-fatti tal-kaz, u dan fit-termini ta' dak dispost

[3] Pagna 17 paragrafu 4

fl-artikolu 46 tal-Kodici Kriminali. Jishaq illi l-Imhallef fl-indirizz tieghu wissa lill-gurati b'dan il-mod:

*"...araw intom bħala fatt x'konklużjonijiet tistgħu taslu għaliha. Oqgħodu attenti Sinjuri, smajtu ħafna argumenti, smajtu ħafna dibattiti u kollha kienu validi, ma nistax ngħid liema minnhom kien l-aħjar għax it-tnejn kienu tajbin, it-tnejn kienu konvinċenti, pero issa huwa l-mument tagħkom li tużaw moħħkom."*[4]

Biex b'hekk fil-fehma ta'l-Avukat Generali l-Qorti fl-ebda hin ma influwenzat lill-gurati, bil-linja gwida minnha imfassla fl-Indirizz finali, dwar il-mod kif kellhom jiddeciedu.

**Ikkunsidrat,**

Il-Qorti tqis li bil-fatt li l-Ewwel Qorti setgħet ghamlet certu dikjarazzjonijiet jew inqdiet b'xi eżempji fl-indirizz tagħha li setgħu urew ħsieb determinat fuq ċerti aspetti probatorji, ma iwassalx necessarjament ghal-għoti ta' direzzjoni ħażina ("misdirection"), kif ipprospettat mid-difiza.

Dan ghaliex:

*"Provided he emphasises that the jury are entitled to ignore his opinions, the judge may comment on the evidence in a way which indicates his own views. Convictions have been upheld notwithstanding robust comments to the detriment of the defence case (e.g. O'Donnell (1917) 12 Cr App R 219, in which*

[4] Paġna 355 mit-traskrizzjonijiet – it-tlettax il-paġna tal-indirizz tal-Imħallef waqt dan il-ġuri.

*it was held that the judge was within his rights to tell the jury that the accused's story was a 'remarkable one' and contrary to previous statements that he had made). However, the judge must not be so critical as to effectively withdraw the issue of guilt or innocence from the jury (Canny (1945) 30 Cr App R 143, in which a conviction was quashed because the judge repeatedly told the jury that the defence case was absurd and that there was no foundation for defence allegations against the prosecution witnesses). It is the judge's duty to state matters 'clearly, impartially and logically', and not to indulge in inappropriate sarcasm or extravagant comment (Berrada (1989) 91Cr App R 131)"*[5];

*"Every defendant, we repeat, has the right to have his defence, whatever it may be, faithfully and accurately placed before the jury. But that is not to say that he is entitled to have it rehearsed blandly and uncritically in the summing up. No defendant has the right to demand that the judge shall conceal from the jury such difficulties and deficiencies as are apparent in his case. Of course, the judge must remain impartial. But if common sense and reason demonstrate that a given defence is riddled with implausibilities, inconsistencies and illogicalities … there is no reason for the judge to withhold from the jury the benefit of his own powers of logic and analysis. Why should pointing out those matters be thought to smack of partiality? To play a case straight down the middle requires only that a judge gives full and fair weight to the evidence and arguments of each side. The judge is not required to top up the case for one side so as to correct any substantial imbalance. He has no duty to cloud the merits either by obscuring the strengths of one side or the weaknesses of the other. Impartiality means no more and no less than that the judge shall fairly*

[5] 6 Blackstone's Criminal Practice (Edit. 2001) § 15 – 6 f'paġ. 1448

*state and analyse the case for both sides. Justice moreover requires that he assists the jury to reach a logical and reasoned conclusion on the evidence*[6]*"*

*The summing-up, in other words, should look balanced, and any defence which is not merely fanciful or speculative, particularly in a homicide trial, must be put to the jury…The Judge can, of course, comment adversely on an unconvincing defence…"*[7]

Imfassla dawn il-linji gwida gurisprudenzjali dwar il-mod kif ghandu isir 'l hekk imsejjah *summing up* mill-Imhallef li jippresjedi guri, jinghad illi wahda mill-mansjonijiet ewlenija riposti f'idejn il-gurati hija dik li jaghmlu evalwazzjoni dwar il-kredibilta' u l-affidabilita' tax-xhieda inluz ghalhekk tal-verzjoni li jista' joffri l-akkuzat kemm fl-istqarrijiet minnu rilaxxjati lill-pulizija kif ukoll jekk dan jaghzel li jirrinunzja ghal jedd tieghu ghas-silenzju u jiehu il-pedana tax-xhieda (li ma sehhx f'dan il-kaz). Dan sabiex jasslu ghal konkluzjoni dwar il-fatti tal-kaz kif esposti quddiemhom mill-partijiet. Huwa fid-dmir tal-Imhallef fl-indirizz tieghu ghalhekk li jaghti direzzjoni lill-gurati dwar il-mod kif ghandhom jersqu biex jaghmlu din l-evalwazzjoni. Din id-direzzjoni ghandha tkun imsejsa mhux biss fuq dak li tipprovdi il-ligi fir-rigward, izda hafna drabi tkun ukoll imsejsa fuq l-esperjenza ta' l-Imhallef stess, esperjenza li sfortunatament il-gurati ma igawdux. Dan ifisser allura li l-Imhallef jista' jaghmel osservazzjonijiet imsejsa fuq dawn iz-zewg binarji, izda mhux li ighaddielhom il-konkluzjoni tieghu fir-rigward ta' dik l-osservazzjoni.

---

[6] 7 Mitchell & Richardson Archbold Criminal Pleading, Evidence & Practice (2003) § 4 – 376 f'paġ. 464

[7] The Republic of Malta vs Stephen John Caddick – 06/03/2003 Appell Superjuri

Fil-linji gwida moghtija mill-Judicial College gewwa l-Ingilterra fil-*Crown Court Compendium: Part 1: Jury and Trial Management and Summing Up (November 2017)* tinghata din id-direzzjoni dwar l-mod kif ghandu isir 'l hekk imsejjah *summing up*:

*"The jury need to be directed that they are responsible for decisions of fact; the judge for decisions of law. Such a direction is not a mere formality. Without it, juries might get the impression that any comments made by the judge were matters to which they were bound to pay heed. It is the duty of the judge to ensure that the jury understand that responsibility for the verdict is theirs and not his.*

*The jury should be directed as follows:*

*(1) The judge and the jury play different parts in a criminal trial.*

*(2) The judge alone is responsible for legal matters. When summing up the judge will tell the jury about the law which is relevant to the case, and the jury must follow and apply what the judge says about the law.*

*(3) The jury alone are responsible for weighing up the evidence, deciding what has or has not been proved, and returning a verdict/verdicts based on their view of the facts and what the judge has told them about the law.*

*(4) Where there are different accounts in the evidence about a particular matter the jury must weigh up the reliability of the witnesses who have given evidence about the matter, taking into account how far in the jury's view their evidence is honest and accurate. It is entirely for the jury to decide what evidence they accept as reliable and what they reject as unreliable.*

*(5) When D has given and/or called evidence: the jury must apply the same fair and impartial standards when weighing up the evidence of the witnesses for the prosecution and the defence.*

*(6) The jury do not have to resolve every issue that has arisen, but only those that are necessary for them to reach their verdict(s).*

*(7) The jury are permitted to draw sensible conclusions from the evidence they accept as reliable, but they must not engage in speculation or guess-work about matters which have not been covered by the evidence.*

*(8) It is important that the jury's verdict(s) should be based only on their own independent view of the evidence and the facts of the case. Therefore: (a) Although the jury should consider the points made about the evidence and the facts by the advocates in their speeches, it is for the jury alone to decide which of those points are good and which are not. (b) Should the judge give the impression when summing up the case that he has formed a view about any of the evidence or any of the facts of the case, the jury are not in any way bound by this, and must form their own view. (c) When summing up the case, the judge will summarise the evidence but will not attempt to remind the jury of all of it. The jury should not think that evidence which the judge does mention in the summing up must be important, or that evidence which the judge does not mention must be unimportant. It is for the jury alone to decide about the importance of the different parts of the evidence.*

*(9) If appropriate: the jury must not allow themselves to be influenced by any emotional reaction to the case and/or any sympathy for anyone involved in the case and/or by any fixed ideas/preconceptions/prejudices they may have had*[8]*"*

Issa l-Qorti fliet sewwa l-Indirizz tal-Imhallef togat u ma tarax illi b'xi mod huwa tbieghed minn dawn il-linji gwida li ghalkemm ma humiex parti mis-sistema penali nostrana madanakollu jaghtu direzzjoni akkurata, konciza u preciza ta' dak li ghandu jigi spjegat lill-gurati fl-indirizz finali. Illi allura meta l-Imhallef spjega b'mod car lill-gurati l-importanza li huma jiddeciedu fuq il-fatti tal-kaz minghajr ebdainfluwenza sahasnitra anke minn dak li jista' ighidilhom fid-direzzjoni li kien ser jaghtihom u dan dwar il-fatti tal-kaz, u meta l-imhallef ikkjarifika il-punti li ghamel u dan wara li d-difiza wriet il-preokkupazzjoni taghha, tant illi anke baqa jinsisti sal-ahhar dwar l-importanza ta' l-indipendenza tad-decizjoni taghhom minn dak dikjarat minnu u mid-difensuri fir-rigward tal-fatti, il-Qorti ma tqies illi b'xi mod sehhet dik in-nuqqas ta' direzzjoni li qed tippreokkupa lill-appellanti.

Jaghti din id-direzzjoni lill-gurati:

*"Ir-rwol taghkom il-gurati huwa bhal ma ghidtilkom illi tridu tiggudikaw il-fatti, intom Imhallfin tal-fatt. Il-fatti li tressqu quddiemkom jaqghu taht il-gurisdizzjoni taghkom u taghkom biss. Anke jekk l-avukati, anke jekk l-Imhallef matul dan id-diskors jew inkella matul dan il-process ghamel xi referenza ghal fatti jew inkella ta' xi opinjoni dwar il-fatti intom din ghandkom tiskartawha ghax il-fatti huwa ta' kompetenza taghkom u taghkom biss."*

[8] https://www.judiciary.gov.uk/wp-content/uploads/2016/06/crown-court-compendium-pt1-jury-and-trial-management-and-summing-up-nov2017

Ighaddi ukoll f'parti mill-indirizz tieghu sabiex jaghti direzzjoni lill-gurati tal-mod kif ghandhom jevalwaw l-kredibilita ta' xhud u cioe' jispjega il-linji gwida li taghti il-ligi dwar l-imgieba tax-xhud, jekk dak li jistqarr ghandux mis-sewwa, il-konsistenza tax-xhud fost ohrajn. Ikompli:

*"Diga ghedtilkom li ghandna zewg verzjonijiet, il-verzjonijiet ta' Guzeppi Farrugia u ta' Benny Attard u l-verzjoni ta'l-imputat. Smajna l-argumenti sodi u b'sahhithom tal-Prosekuzzjoni fejn din ippruvat ittaqqab u turi d-diskrepanzi u n-nuqqas ta' konsistenza fix-xhieda, fil-verzjoni moghtija fl-istatment mill-akkuzat. U smajna wkoll b'certa'abbilita w oratorija l-abbli avukat difensur jitfa' minn naha l-ohra t-toqob fil-verzjoni, fl-argumenti migjuba mill-Prosekuzzjoni. .... U intom tridu targumentaw ukoll fis-sens illi taqbdu l-verzjoni, dawn il-verzjonijiet u tghidu: imma dawn ghandhom mis-sewwa? Il-verzjoni moghtija minn Benny Attard, minn Guzeppi Farrugia ghandha mis-sewwa? Il-verzjoni moghtija mill-akkuzat ghandha mis-sewwa?"*

Illi di piu' il-bran estratt mill-appellanti u li sab oggezzjoni ghalih ma jistax jittiehed wahdu izda irid jitqies fil-kwadru kollu ta' dak li inghad fl-indirizz u allura meta wara li ighid id-diskors oggezzjonabbli ghall-appellant l-Imhallef ikompli minnufih billi ighid lill-gurati:

*"...araw intom bħala fatt x'konklużjonijiet tistgħu taslu għaliha. Oqgħodu attenti Sinjuri, smajtu ħafna argumenti, smajtu ħafna dibattiti u kollha kienu validi, ma nistax ngħid liema minnhom kien l-aħjar għax it-tnejn kienu tajbin, it-tnejn kienu konvinċenti, pero issa huwa l-mument tagħkom li tużaw moħħkom."*[9]

[9]Paġna 355 mit-traskrizzjonijiet – it-tlettax il-paġna tal-indirizz tal-Imħallef waqt dan il-ġuri.

Il-kjarifika li saret sussegwenti ghall-oggezzjoni tad-difiza kienet dwar l-indikazzjoni li jaghti l-Imhallef lill-gurati dwar il-verzjoni moghtija mill-appellanti illi Farrugia, Benny Attard u ohtu Maria kienu sejrin bil-mixi mix-Xaghra lejn Ta' Pinu biex imbaghad jitilghu ir-Rabat u biex iqiesu kemm dawn il-fatti kenux verosimili. Ikkjarifika ghalhekk ghal beneficcju tal-gurati illi dawn in-nies jista' jkun kellhom intenzjoni jaqqbdu xarabank mill-akwati u mhux necessarjament kienu ser jiehdu t-triq kollha bil-mixi. Jidher illi l-gurati ghamlu l-mistoqsijiet taghhom sabiex jitolbu kjarifika fuq dan il-fatt, liema kjarifika giet moghtija mill-Imhallef biex b'hekk kwalunke ekwivoku li seta' inholoq fir-rigward jidher li gie spjanat. Dak li hu rilevanti ghal fini ta'l-aggravvju imqanqal mill-appellanti huwa illi minn qari ta'l-indirizz fl-intier tieghu huwa bil-wisq evidenti illi l-Imhallef ghal iktar minn darba sahaq mal-gurati illi d-decizjoni tal-fatti tispetta lilhom u li allura ma ghandhomx jigu influwenzati minn dak li jista' jissuggerielhom u ukoll illi meta jispjega l-verzjonijiet moghtija huwa spjegalhom car dak kollu li inghad kemm minn Farrugia u Attard kif ukoll mill-appellanti u halla f'idejhom wara li tahom id-debita gwida dwar kif ghandha issir l-evalwazzjoni tal-provi biex iqiesu liema verzjoni kienet l-aktar verosimili.

L-Ewwel Qorti ma eskludiet bl-ebda mod il-liberta` ta' razjoncinju tal-gurati. Enfasizzat diversi drabi li kienu l-gurati li kellhom jiddeciedu fuq il-fatti, li l-fatti huma dawk li jaccettaw huma u mhux li qalulhom il-prosekuzzjoni jew id-difiza jew l-istess Qorti, u li kellhom jaslu ghad-decizjoni taghhom a bazi ta' konsiderazzjoni tal-provi fl-assjem taghhom. Spjegatilhom il-principji kollha applikabbli, fosthom kif il-piz tal-prova qieghed fuq il-prosekuzzjoni, il-prezunzjoni ta' l-innocenza ta' l-akkuzat, il-grad ta' prova li jrid jintlahaq mill-prosekuzzjoni u dak li jrid jintlahaq mill-akkuzat. Enfasizzat li kellhom jiddeciedu b'mod distakkat, bla ebda pregudizzju lejn l-appellant jew lejn il-vittma. Jigifieri l-gurati tqieghdu fl-ahjar posizzjoni possibbli sabiex setghu

jaqdu l-funzjoni taghhom skond il-ligi. Barra minn hekk kull kumment li sar mill-ewwel Qorti jridu jitqies li sar fid-dawl ta' l-avvertimenti kontinwi li saru lill-gurati tul il-perkors ta' l-indirizz.

*"Huwa evidenti illi dak li huwa l-aktar importanti f'dak li jiddisponi dan l-artikolu* (b'referenza ghall-artikolu 46 tal-Kodici Kriminali) *f'dan ir-rigward huwa l-principju bazilari ta' ekwita` u gustizzja li ghandu jirregola l-materja ta' l-indirizz u del resto tal-process kriminali kollu kemm hu, u cioe` li l-gurati ghandhom jitpoggew fl-ahjar posizzjoni possibbli, kemm ghal dik li hi ligi, kif ukoll ghal dawk li huma fatti, biex ikunu jistghu jaslu ghal verdett b'serenita` u bl-inqas komplikazzjonijiet u konfuzjoni possibbli, u fuq kollox li l-istess indirizz ikun bilancjat b'mod li l-gurati jkunu konxji l-ewwel u qabel kollox, illi huwa l-istess Imhallef li huwa imparzjali fir-rigward tal-htija o meno ta' l-akkuzat u li ma jkunx wera preferenza jew ta aktar importanza lejn naha jew ohra.*[10]*"*

Huwa indubitat, kif inghad li dan il-bilanc intlahaq f'dan il-kaz, kif inghad, b'mod illi allura ma jistax jilmenta l-appellanti illi sehh xi *miscarriage of justice* minhabba il-mod kif sar l-indirizz f'dan il-guri.

**Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi dan l-ewwel aggravju qed jigi michud.**

### 2 It-tieni aggravju – l-apprezzament tal-provi maghmul mill-gurati.

Illi l-appellanti jishaq illi l-involviment tieghu f'dan l-event kriminuz kien wiehed ghal kollox kazwali affettwat b'element qawwi ta' biza', tant illi kien hemm dubbju dwar ir-rwol tieghu fl-omicidju ta' Fortunata Spiteri li allura kellha twassal ghal-liberazzjoni mill-uniku akkuza intentata fil-konfront tieghu. Ukoll

[10] Ir-Repubblika ta' Malta vs Antonio Falzon – 22/09/2006

jikkontendi illi l-verzjonijiet tal-fatti kif spjegati minn Benny Attard u Guzeppi Farrugia huma ukoll konfliggenti bejniethom.

Illi qabel ma l-Qorti tidhol biex tezamina dan l-aggravvju, irid jigi rilevat illi f'dan l-istadju inoltrat ta' revizjoni u fil-kors biss tat-trattazzjoni orali ta'l-appell, l-appellanti jattakka l-ammissibilita' tal-istqarrija guramentata ta' Guzeppi Farrugia bhala prova billi iqies illi l-Ewwel Qorti messha tat direzzjoni lill-gurati biex ma jehdux kont ta' din ix-xhieda stante illi din hija xhieda ta' ko-akkuzat li ghandha tiswa biss favur jew kontra l-istess xhud u dan diment li l-proceduri penali fil-konfront ta'l-istess ma jigux terminati. Jishaq ukoll illi gjaladarba Guzeppi Farrugia lahaq miet huwa ma kellux il-jedd jaghmel kontro-ezami ta' din ix-xhieda, huwa ma inghatax l-okkazzjoni jikkontrolla dak mtenni minn dan ix-xhud. Issa b'sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-31 ta' Mejju 2013, dan l-ahhar kwezit gie sorvolat billi gie deciz illi bil-fatt illi ma sarx il-kontro-ezami ta' din ix-xhieda guramentata ma sehhet l-ebda lezjoni tad-dritt ta' l-appellanti ghal smiegh xieraq. Illi ghalkemm l-appellanti ighid illi intavola proceduri quddiem il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fuq dan il-punt, madanakollu tul il-proceduri ma jaghti l-ebda informazzjoni ulterjuri dwar din l-applikazzjoni u jekk kienx hemm ezitu finali ghall-istess.

Illi maghdud dan, madanakollu, jidher mill-att promotorju ta' dan l-appell illi l-appellanti ma ressaq l-ebda aggravvju formali f'dan ir-rigward izda jissolleva l-inammissibilita ta din il-prova biss fi stadju ta' trattazzjoni orali, kif inghad. Illi mhux biss izda ma jidhirx illi qanqal din il-kwistjoni la fi stadju ta' l-eccezzjonijiet preliminari quddiem l-Ewwel Qorti u lanqas tul il-kors tal-guri, kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tal-15 ta' Novembru 2010 meta fuq talba tal-Prosekuzzjoni intalab li tigi prodotta bhala prova l-istqarrija guramentata ta' Guzeppi Farrugia, id-difiza ma opponietx ghal produzzjoni ta' tali prova.

Maghdud dan il-Qorti tqies illi din il-lanjanza izda f'dan l-istadju inoltrat tal-proceduri ma jisthoqqiliex akkoljiment billi fil-mument illi tressqet il-prova ta' l-istqarrija guramentata ta' Guzeppi Farrugia quddiem il-gurati huwa ma kellux jitqies aktar bhala ko-akkuzat billi kien mejjet. Mal-mument tal-mewt tieghu il-procediment penali fil-konfront tieghu gie ezawriet biex b'hekk mat-tmiem ta' l-istess proceduri huwa ma setax jibqa' jitqies illi kien aktar ko-akkuzat fit-termini tal-ligi u cioe' ma kienx aktar dik il-persuna li kien ghadu qed jigi akkuzat flimkien mal-appellanti ghad-delitt ta' Fortunata Spiteri. Issa billi Farrugia kellu jitqies bhala komplici fil-kummissjoni tar-reat, u billi dan lahaq miet u allura ma setax jingieb jixhed *viva voce* u jigi kontro-ezaminat mid-difiza fil-kors tal-guri, l-Imhallef fl-indirizz tieghu ta id-debita direzzjoni lill-gurati dwar il-piz li ghandha tinghata lil tali prova u li l-istess ghandha tinqara b'cirkospezzjoni u kawtela[11]. Spjanat allura dan l-ostakolu procedurali l-Qorti ser tghaddi issa biex tezamina l-lanjanza dwar l-apprezzament tal-provi.

Issa kif dejjem gie ritenut fil-konsiderazzjonijiet dwar aggravju li jattakka l-apprezzament maghmul mill-imhallfin tal-fatt fil-kors tal-guri fi stadju ta' revizjoni:

*"anke jekk mill-apprezzament tal-provi li taghmel din il-Qorti - u dan ghall-grazzja ta' l-argument biss u xejn iktar - hi tasal ghal xi konkluzjoni diversa minn dik milhuqa mill-gurati, hi ma tiddisturbax dik id-diskrezzjoni ezercitata mill-gurati fl-apprezzament tal-provi u tirrimpjazzaha b'taghha kemm-il darba jkun evidenti ghaliha li l-gurati ma kinux ghamlu apprezzament manifestament hazin tal-provi, u setghu, ghalhekk, legittimament u ragjonevolment jaslu ghall-*

[11] Ara indirizz a fol.350 it-tielet paragrafu, kif ukoll pagna 351 l-ewwel paragrafu

*konkluzjoni li jkunu waslu ghaliha in bazi tal-provi li kellhom quddiemhom. Effettivament,kif dejjem inghad, din il-Qorti ma tinvadix it-territorju li l-ligi tirrizerva ghall-gurati hlief meta l-verdett minnhom milhuq ikun manifestament zbaljat fis-sens li ebda gurija ma setghet legittimament jew ragjonevolment tasal ghalih. Jigifieri jrid ikun in kontradizzjoni manifesta ghal dak kollu li jirrizulta mill-process b'mod illi ma hemmx mod iehor hlief li l-verdett milhuq jigi eskluz bhala infondat.*

*F'Blackstone's Criminal Practice 2001 naqraw ukoll (para. D22.15 pagna 1622): "The case of Cooper [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G): '[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere[12]. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal*

[12]Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u IrRepubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; IlPulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991

*Act 1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case. However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it'."*

*Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet Ir-Repubbblika ta' Malta vs Ivan Gatt fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk: "Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament[13]."*

Issa din il-Qorti fil-funzjoni taghha ta' qorti ta' revizjoni u fil-parametri esposti hawn fuq fil-guripsrudenza in materja, ezaminat l-atti kollha tal-kaz, dawk kumpilatorji, ix-xhieda u d-dokumenti esebiti u b'mod specjali l-istqarrija rilaxxjata mill-appellanti fejn fiha hemm inkapsulata il-verzjoni tieghu dwar id-

[13] Ir-Repubblika ta' Mlata vs Antonio Falzon – App.Sup 22/09/2006

dinamika ta’ dan l-event kriminuz. Ezaminat ukoll l-argumenti kollha migjuba ‘il quddiem mid-difiza u dawk tal-Prosekuzzjoni. Maghmul dan l-ezercizzju, irrizulta illi l-kwistjonijiet kollha rilevanti ta' apprezzament ta' fatt gew posti ghall-konsiderazzjoni tal-gurati li kienu liberi l-hin kollu, u gew diretti f'dan is-sens mill-Imhallef li ppresjeda l-guri, illi jivvalutaw il-provi kollha fl-assjem taghhom.

Issa l-appellanti isejjes dan l-aggravju tieghu b’mod ewlieni fuq l-apprezzament erronju li sar fil-fehma tieghu tax-xhieda moghtija min Benny Attard u Guzeppi Farrugia, xhieda mimlija inkonsistenzi u nofs veritajiet. Illi l-Qorti ghalhekk ezaminat bir-reqqa l-verzjonijiet moghtija minn dawn iz-zewg kompartecipi f’din il-kongura omicida. Mill-istqarrija rilaxxjata minn Guzeppi Farrugia lill-pulizija johorgu is-segwenti fatti probatorji:

1. L-akkuzat kien il-mohh wara il-qtil.
2. Isir diskors quddiemu bejn Benny Attard u l-appellanti fejn dan ta’l-ahhar jinfurmah li kellu bicca xoghol ghalih. Dan id-diskors isir f’xarabank fit-triq bejn ir-Rabat u x-Xaghra.
3. L-appellanti jiltaqa’ diversi drabi ma’ Attard fid-dar tieghu fil-hin ta’ nofs il-lejl.
4. Farrugia jisma’ lill-appellanti ighid lil Attard li l-bicca xoghol kienet biex tinqatel Fortunata Spiteri u li kien lest li ihallas lil Attard Lm5000.
5. Benny Attard jitlob lil Farrugia ighinu u in kontro-kambju ihallsu somma flus. Farrugia jaccetta.
6. L-appellanti u Benny Attard jifthiemu li jezegiwxxu il-qtil fil-festa ta’ San Lawrenz. Jifthiemu illi l-qtil kellu jigi esegwiet minn Benny Attard.

7. Dak in-nhar ta'l-10 ta' Awwissu 2001 fil-ghaxija ighaddi ghalihom l-appellanti b'karozza bajda. Jirkbu mieghu hu u Benny fuq wara u Maria quddiem fuq is-seat tal-passiggier.
8. Qabel jitilqu mid-dar Benny jilbes maskra f'wiccu, li kien izomm id-dar tixghel kulur ahdar bil-lejl. Mieghu igib ukoll stallett.
9. L-appellanti isuq lejn l-Gharb fejn fuq bankina hdejn sqaq jilmhu lil Spiteri.
10. Iwaqqaf l-appellanti hdejha. Jinzel l-ewwel Benny Attard, warajh Maria ohtu u Farrugia u fl-ahhar jinzel l-appellanti.
11. Benny imur dritt fuq Spiteri u jibda jaghtiha bl-istallet.
12. Farrugia johrog mus biex jagredixxi ukoll lil Spiteri, izda Spiteri taghraf lil Farrugia u hu minn hawn jibza' u ma jersqax lejha.
13. L-appellanti imur fuq il-vittma u jaghmel ghalija, izda x-xhud ma jafx jekk ghandux arma f'idejh.
14. Maria tibqa' tahres lejhom waqt li jaggredixxu lil Spiteri.
15. Kif Spiteri taqa' fl-art, Attard u l-appellanti jirritornaw gewwa l-vettura u qabel jirkeb Benny Attard jarmi l-istallett f'ghalqa fil-vicin.
16. Spiteri tqum mill-art, tidhol fil-vettura taghha li kienet ipparkjatha fil-vicin, issuq izda tibqa' diehla go hajt.
17. Dawn l-erbgha minn nies jitilqu minn fuq ix-xena tad-delitt.
18. Xi jiem wara l-appellanti ihallashom ghall-assistenza taghhom fil-kummissjoni tad-delitt.

Illi jigi rilevat illi din il-verzjoni giet moghtija minn Guzeppi Farrugia fl-04 ta' Settembru 2002, madwar sena wara li sehh id-delitt. Din l-istqarrija giet ikkonfermata bil-gurament quddiem l-Inkwirenti fl-*in genere*. Guzeppi Farrugia miet fil-mori tal-proceduri.

Skont Benny Attard:

1. L-appellanti ikellem lix-xhud diversi drabi sabiex joqtol lil Fortunata Spiteri. Dan ghaliex ighidlu li kienet dejjqitu taghtih ic-citazzjonijiet fuq ix-xarabank li kellu.
2. L-ewwel darba jiltaqghu fuq xarabank u jwieghdu li jekk jassistieh ihallsu is-somma ta' Lm5000.
3. L-appellanti ighaddi ghalih id-dar bil-vettura tieghu ta' kulur abjad. Maghhom imorru ohtu Maria u Guzeppi Farrugia. Dak in-nhar qed tigi iccelebrata l-festa ta' San Lawrenz, fl-10 ta' Awwissu. Il-hin hu d-disgha ta' fil-ghaxija.
4. L-appellanti ghandu fil-pussess tieghu stallett.
5. Jaslu fit-Triq tal-Gharb fejn jilmhu lil Spiteri fil-kantuniera.
6. L-appellanti jinzel mill-vettura u jibda jaghti daqqiet lil Spiteri b'sikkina. Jaghtiha sitt daqqiet bis-sikkina f'zaqqha, f'sidirha u f'idejha. L-appellanti libes maskra li tahielu ix-xhud.
7. Waqt li l-appellanti qed jakkoltella lil Spiteri, ix-xhud izzomm lil vittma billi jikkontendi illi l-appellanti kien qed jimbuttaha ghal fuqu biex izommha.
8. Spiteri tirresistieh u tolqtu f'wiccu.
9. Spiteri tipprova issuq minn fuq il-post bil-vettura taghha, izda tmut.
10. Wara id-delitt, l-appellanti jaghti l-maskra lura lil Attard u iwassalhom lura d-dar.

L-appellanti ma jixhidx fil-guri izda tinqara lill-gurati l-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija mal-arrest tieghu lura fis-07 ta' Settembru 2002. Ighid l-appellanti illi fil-jum tal-10 ta' Awwissu 2001 kien bil-vettura tieghu fin-nizla tax-Xaghra meta iltaqa' ma' Benny Attard li tallbu iwasslu sar-Rabat. Mieghu kien hemm

ohtu Maria u Guzeppi Farrugia. Attard ighidlu li kienu sejrin sal-Festa u l-appellanti accetta li iwassalhom bil-kundizzjoni li Attard ma jaqalalux inkwiet. Qallu il-kliem: "*oqghod kwiet .... ara ma taghmilx cucati*." Ighid illi kif qorbu vicin fejn kienet Spiteri, Attard tallbu iwaqqaf il-vettura u hu inhasad. Benny Attard nizel mil-vettura u qallu biex jistennieh. It-tnejn l-ohra ighid li nizzlu ukoll u qaghdu mal-hajt. Ighid li osserva li Attard kellu basket f'idejh li kien blu jew iswed jinqafel b'zip. Meta nizel osserva lil Attard riesaq lejn il-warden u ihebb ghaliha. Ighid li beda jaghtiha xi daqqiet. Jikkontendi illi fl-ebda hin hu ma nizel mill-vettura. Ighid illi ghalkemm Attard lilu ma qallux b'dak li bi hsiebu jaghmel, madanakollu beda jibza' li kien ser idahhlu fl-inkwiet. Ighid li meta rega rikeb fil-vettura Attard heddu bi stallett li hareg mill-basket u qallu biex ma jitkellem xejn ghax joqtlu u hu beza' minnu. Jikkontendi li Attard stqarr mieghu li lill-warden qatilha ghax kienet wahhlitu xi citazzjonijiet fuq il-mutur li kellu. Wara li sehh id-delitt ighid li wassal lil dawn it-tlieta minn nies lura id-dar taghhom gewwa x-Xaghra.

Iktar 'il quddiem fl-istqarrija l-appellanti imbaghad izid illi huwa fil-fatt hareg mill-vettura u beda ighajjat lil Attard biex jiddesisti milli kien qed jaghmel. Izid ukoll illi sema lil Spiteri tinghi bl-ugigh, imbaghad din rikkbet fil-vettura taghha u baqghet diehla gol-hajt. Imbaghad hu rikeb fil-vettura, irriversja bicca zghira u kif kien ser isuq rikkbu lura Attard flimkien ma' Farrugia u ohtu.

Issa ghalkemm fil-bidu ta' l-istqarrija tieghu l-appellanti jikkontendi illi meta huwa rikkeb lil Attard u lit-tnejn l-ohra ma kienx jaf x'kien bi hsiebu jaghmel Attard, ghalkemm wissieh biex ma jaqlalux inkwiet, l-iktar 'il quddiem fl-istqarrija, jammetti illi Attard kien fetah qalbu mieghu li kien irrabbjat ghal warden minhabba xi citazzjonijiet li kienet qed taghtih fuq il-mutur li kellu, tant illi hass li kellu iwissieh b'dan il-mod:

*"Ghidtlu, 'ara taghmel xi haga'. Ghidtlu 'ghax tkellem bniedem ma jimpurtax u tammonih, imma toqtol le'. Ghidtlu 'ghax il-ferita tikber'. Ghidtlu ' u miskina dik ghandha mara u tifel,' ghax dawk nafhom hbieb tieghi li twissieh u tammonnieh iva."*

*"Imbaghad qalli 'ejja ghalija', qalli 'immorru fil-festa ta'l-Gharb', qalli 'wassalni imqar sa hemm hekk'. Ghidtlu 'hemmhekk x'ha taghmel?', qalli 'imbaghad nghidlek'."*

Jibqa' jinsisti izda illi huwa ma kienx jaf li Attard ried joqtol lil Spiteri u jibqa' jinsisti illi ma ghadda l-ebda flus lil Attard sabiex jikkometti dan l-omicidju. Jishaq illi huwa mar iwassal lil Attard ghax jibza minnu.

Bhala prova in difeza, l-appellanti jezebixxi pitazz li fih jidher illi kienu jigu registrati il-granet li hu kien ikun xoghol u fid-data ta'l-10 ta' Awwissu 2001 hemm imnizzel dan in-notament "mort Malta bin-Nissan" u b'ittri zghar 'il fuq mill-istess linja imbaghad hemm in-notament "no work". Dawn in-notamenti kienu jitnizzlu fuq il-pitazz minn mart l-appellanti u dan fuq informazzjoni li kien ighaddilha hu stess billi ma kenitx tkun prezenti mieghu. Id-difiza tikkontendi illi din hija prova illi fl-ghodwa tal-10 ta' Awwissu 2001, l-appellanti erhilha lejn Malta bil-bhejjem li kellu ghal qatla u allura huwa inverosimili dak dikjarat minn Benny Attard illi il-ftehim biex tinqatel Fortunata Spiteri sar dak in-nhar fil-ghodu. Issa ibda biex dan in-notament ma jindikax il-hin li l-appellanti nizel Malta u l-appellanti la isemmi dan il-fatt fl-istqarrija tieghu u lanqas joffri x-xhieda tieghu biex jispjega dawn in-notamenti. Mhux biss izda il-persuna li allegatament l-appellanti kellu izur meta jinzel Malta, certu Joseph Mercieca li hu biccier u li ingieb bhala xhud in difeza, jikkontendi illi l-granet li fiha kienet topera il-biccerija kienu It-Tnejn u it-Tlieta, meta il-gurnata indikat fuq il-pitazz tal-10 ta' Awwissu 2001 hija il-Gimgha. L-akkuzat ghandu jipprova

dak allegat minnu sal-grad tal-probabbli u jekk dan il-grad tal-prova ma jilhqux allura jkun qed ixejjen dak minnu allegat. Fil-fatt s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 634 tal-Kodici Kriminali jipprovdi testwalment: "*Id-disposizzjonijiet tal-ligi dwar ix-xhieda jghoddu ghall-imputat jew akkuzat li jaghti x-xiehda tieghu taht gurament*". Illi fil-fehma ta' din il-Qorti il-prova li jintenta jaghmel l-appellanti permezz ta' l-ezebizzjoni ta' dan il-pitazz ma jilhaqx il-grad tal-prova mehtiega minnu fil-kamp penali, billi din il-prova hija mizghuda b'diversi *lacunae*.

Illi minn qari tal-verdett tal-gurati jirrizulta illi l-appellanti gie misjub hati bhala komplici fil-kummissjoni tal-qtil ta' Fortunata Spiteri u mhux bhala l-awtur tar-reat. Dan ifisser allura illi l-appellanti gie misjub hati mhux illi kien l-awtur li materjalment ezegwixxa d-delitt u cioe' illi kien hu li qatel lill-vittma ta' dan l-omicidju, izda biss li kien komplici fil-kummissjoni tieghu u dan fit-termini ta' dak dispost fl-artikolu 42 tal-Kodici Kriminali[14].

*"Huwa veru li l-presenza ta' persuna fuq il-post tad-delitt u waqt li jkun qed jigi kommess id-delitt tista' tammonta ghall-komplicita` f'dak id-delitt kemm-il darba jkun jirrisulta li bejn dik il-persuna u l-awtur tad-delitt kien hemm il-hsieb*

[14] Persuna titqies kompliċi f'delitt jekk hija -
(a) tkun tat ordni lil ħaddieħor biex jagħmel id-delitt; jew
(b) tkun ġiegħlet li d-delitt isir b'mezz ta' rigali,wegħdiet, theddid, maniġġi, jew egħmil qarrieqi,inkella b'abbuż ta' awtorità jew setgħa, inkella li tkuntat istruzzjonijiet biex isir id-delitt; jew
(ċ) tkun tat armi, għodod jew mezzi oħra li jkunu ġewużati fl-egħmil tad-delitt, meta kienet taf li kellhomhekk jiġu użati; jew
(d) għad li ma tkunx waħda mill-persuni msemmija fil-paragrafi (a), (b) u (ċ), b'xi mod li jkun, xjentement,tkun għenet jew assistiet lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun ġie ippreparat jewikkunsmat; jew
(e) tkun xewxet lil ħaddieħor inkella saħħet il-volontàtiegħu sabiex jagħmel id-delitt, jew wegħdet li wara l-fatt tassistih, tieqaf miegħu jew tikkompensah

*komuni li jsir dak id-delitt, u li l-presenza ta' dik il-persuna effettivament assistiet lill-awtur, anke jekk biss moralment, biex iwettaq dak id-delitt[15].”*

Issa minn ezami tat-tlett verzjonijiet moghtija mill-persuni involuti f’din il-kongura omicida, hija l-fehma ta’ din il-Qorti illi dan il-hsieb komuni huwa ippruvat lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguniu dan bil-fatti kif hawn fuq esposti, b’dan ghalhekk illi l-verdett tal-gurati ma jistax jitiqes li hu wiehed *unsafe and unsatisfactory* u dan meta huma ghazlu li ma jemmnux il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-appellanti fl-istqarrijiet minnu rilaxxjati lill-pulizija.

Illi ghalkemm dawn l-istqarrijiet huma pjuttost voluminuzi, madanakollu meta wiehed ighasarhom isib illi l-appellanti, ghalkemm fil-lanjanza minnu ventilata jallega li kien taht pressjoni meta irrilaxxjahom, madanakollu ma jidhirx illi ceda ghal din l-allegata pressjoni minnu subita. Huwa jibqa’ izomm ferm l-innocenza tieghu sal-ahhar. Jibqa’ jitfa’ il-htija kollha fuq Benny Attard ghalkemm jishaq illi jibza’ minn dan il-bniedem, anke meta rinfaccjat mill-ufficjali investigattivi bid-dikjarazzjonijiet maghmula minn dan Attard u minn Farrugia kontra tieghu.

Maghdud dan, madanakollu, meta dak dikjarat minnu huwa imqabbel max-xhieda guramentata ta’ Farrugia moghtija quddiem l-Inkwirenti u x-xhieda ta’ Benny Attard li baqghet dejjem konsistenti tul is-snin inkluz wara li gie ikkundannat tletin sena prigunerija ghas-sehem tieghu f’dan id-delitt, din il-Qorti tqies illi x-xhieda taghhom hija aktar verosimili minn dak li jistqarr l-appellanti tul l-interrogatorju. Ibda biex, ghalkemm hemm xi inkonsistenzi bejn dak li ighid Farrugia u dak li ighid Attard, madanakollu huma jaqblu fuq dawk il-punti determinanti li ipingu lill-appellanti fil-figura tal-komplici fit-termini ta’ l-artikolu 42 tal-Kodici Kriminali bhala il-mohh wara l-kummissjoni tad-delitt. Illi

[15] Il-Pulizija vs Carmelo Agius et – app.inf 24/0/2002.

fil-fatt l-uniku zewg inkonsistenzi fix-xhieda ta' dawn it-tnejn minn nies tinsab biss fil-persuna li xejret id-daqqiet ta'l-istallet lejn Spiteri u liema persuna kienet liebsa il-maskra, fatt illi fuq kollox ma jeradikax l-kompartecipazzjoni ta'l-appellanti f'dan id-delitt anke jekk *gratia argomenti* lanqas xejjer daqqa wahda fid-direzzjoni tal-vittma. Il-fatt wahdu stabbilit mix-xhieda ta' Farrugia u Benny Attard li l-appellanti kien il-bniedem li ikkumissjona dana id-delitt ipoggieh sewwasew fil-figura tal-komplici kif mahsub fl-artikolu 42. Dawn iz-zewg xhieda imbaghad jaqqblu fuq kollox ghar-rigward tad-dinamika ta' dan is-sinistru, sahansitra fuq il-preparamenti li saru,u l-post fejn saru, sabiex isir il-qtil. Di piu' din il-Qorti hija tal-fehma illi l-fatt li jirrizultaw xi inkonsistenzi fix-xhieda ta'dawn it-tnejn minn nies isahhah il-konvinzjoni morali illi dawn ma setghux ftiehmu bejniethom minn qabel dwar id-dinamika ta' dan il-kaz ghaliex li kieku kien minnu kienu jaghtu l-istess verzjoni fir-rigward ta'l-anqas dettall, haga li evdientement ma saritx.

Kuntrarjament l-appellanti jibqa' jipprova jiskolpa ruhu minn kwalunkwe sehem f'dan id-delitt izda f'xi punti fl-interrogatorju huwa jikkontradixxi lilu innifsu. Illi kif diga gie osservat, ghalkemm ghall-ewwel l-appellanti donnu jaghti wiehed x'jifhem illi iltaqa' ma' Attard u t-tnejn minn niesl-ohra fit-triq b'kumbinazzjoni u offra li iwassalhom, injar mill-intenzjoni omicida ta' Benny Attard, madanakollu, imbaghad lejn nofs l-istqarrija ighid illi huwa kien jaf illi Attard kien irrabbjat ghal Spiteri ghaliex kienet tatu xi citazzjonijiet u li dan ta'l-ahhar ried ipattihielha. Fil-fatt ighid illi billi kien jaf illi Attard kellu karattru vjolenti u perikoluz hass li kellu iwissieh biex joqghod attent, tant ghalhekk illi johloq dubbju serju dwar l-injoranza tieghu ta' dak li kien bi hsiebu jaghmel dan Benny Attard. Jinsisti illi Attard kien irrabbjat ghaliex Spiteri kienet qed twahhlu

hafna citazzjonijiet fuq xi mutur, izda mill-provi jirrizulta illi Attard kien ilu zmien li biegh danil-mutur u li f'dak iz-zmien ma kienx qed isuq izda juza x-xarabank minhabba problemi li kellu f'ghajnejh.Din il-Qorti ma tistax tifhem allura kif l-appellanti li kien tant bezghan minn Benny Attard u li kien jaf li dan kien bniedem perikoluz, konxju tal-fatt ukoll illi dan kien irrabbjat ghal Spiteri, kif jallega hu, accetta ghal xi raguni li huwa ma jaghtix spjegazzjoni ghaliha, li iwasslu sa fejn kienet tinstab Spiteri u ma ipprova bl-ebda mod iwaqqfu milli jikkometti id-delitt, billi fuq kollox kien hu li kien qed isuq il-vettura u seta' facilment qabad u saq minn fuq il-post minghajr ma jaghti cans lil Attard jinzel mill-vettura. Lanqas ma jirrizulta kif hu flimkien ma' Attard marru direttament fejn kienet xoghol Spiteri f'dik il-lejla ghaliex hija kemmxejn verosimili illi huma wasslu proprju hdejha b'kumbinazzjoni! Illi din il-verzjoni piuttost neboluza u inkonsistenti, meta imqabbla ma' dak li ighidu t-tnejn minn nies l-ohra li kienu prezenti fuq ix-xena tad-delitt ma jistghu qatt ihallu dubbju f'mohh min hu imsejjah biex jiggudika illi l-appellanti kien il-persuna li instiga l-kummissjoni ta' dan l-omicidjuimmaterjalment jekk kienx attivament involut fl-att materjali o meno tal-istess. Ghaldaqstant ghaldawn il-motivi anke dan it-tieni aggravvju qed jigi rigettat.

## 3 <u>It-tielet aggravvju – Il-piena</u>

Jifdal finalment biex jigi trattat l-ahhar gravam sottopost ghal gudizzju ta' din il-Qorti kollegjalment komposta li jitratta dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti tal-ghomor il-habs. Jilmenta l-appellanti illi l-Ewwel Qorti, meta giet ghal kalibrazzjoni tal-piena, imxiet fuq l-emmozzjonijiet u mhux fuq il-fatti tal-kaz. Jishaq illi l-fedina penali tieghu, ghalkemm deskritta bhala wahda refrattarja mill-Ewwel Qorti, tirrifletti kundanna wahda ta' certu portata li tirrisali ghas-

sena 1975 u cioe' 26 sena qabel il-kummissjoni tar-reat li dwaru instab hati. Ikompli jargumenta illi l-Ewwel Qorti kellha tiehu in konsiderazzjoni il-fatt illi l-verdett ma kienx wiehed unanimu u li intlahaq wara 23 siegha ta' deliberazzjoni li tindika certu titubanza u dubbju f'mohh min kien gie imsejjah biex jiggudika fuq il-htija o meno tieghu. L-appellanti lanqas ma kien addebitat bir-recidiva li allura setghet twassal ghal xi zieda fil-piena. Finalment jishaq illi l-Ewwel Qorti kellha tqies l-element qawwi ta' biza li huwa kellu minn Benny Attard u li allura wasslitu ghal kummissjoni tad-delitt.

Illi qabel xejn jinghad illi ghalkemm huwa minnu illi l-appellanti gie misjub hati tal-akkuza ta' omicidju  bhala komplici, madankollu, kif gustament irriteniet l-Ewwel Qorti, fi-termini ta' dak dispost fl-artikolu 43 tal-Kodici Kriminali ma ghandha issir l-ebda distinzjoni fil-piena erogata bejn l-awtur tad-delitt u il-komplici tieghu sabiex b'hekk il-piena tal-ghomor il-habs taqa' fil-parametri tal-ligi ghalkemm hija il-massimu tal-piena li hija ikkontemplata fid-dritt penali nostran.

Fit-tieni lok, din il-Qorti lanqas ma tara illi ghandha tiehu in konsiderazzjoni dak ipprospettat mill-appellanti li huwa agixxa minhabba biza ezercitata fuqu minn Benny Attard gjaladarba dan il-fattur ma giex deciz li kien determinanti fil-kummissjoni tar-reat mill-Imhallfin tal-fatt quddiem l-Ewwel Qorti u lanqas issa fi stadju ta' revizjoni minn din il-Qorti.

Illi din il-Qorti ma tistax tinjora il-fatt illi dan il-kaz kien jitratta il-qtil ta' persuna fil-qadi ta' dmirijietha u bil-ghan ewlieni illi jigi sfrattat dak li kien rimess fil-manzjonijiet ta' persuna li xogholha kien li tezegwixxi il-ligi u li tinzamm l-ordni pubblika. Il-konsegwenza tal-eghmil ta' l-appellanti kwindi kien mhux biss illi

tinqered hajja umana izda fuq kollox kellha l-mira li ixxekkel l-awtoritajiet milli jaqdu id-dmirjiet taghhom li tinzamm l-ordni f'socjeta civili. L-appellanti hass li kellu jisfida din l-awtorita billi jeradika bl-aghar mezz imagginabbli lil kull min ixxekklu u izommu milli jaghmel dak li jidhirlu hu b'impunita'. Dan ifisser allura illi din il-Qorti f'kazijiet bhal dawn ghandha dmir ulterjuri u cioe' illi:

**"Min ikun inkarigat minn servizz pubbliku u jkun qieghed jesegwixxi l-ligi jew ordni moghti skond il-ligi minn awtorita` kompetenti – bhalma normalment jaghmlu l-pulizija fil-kors normali tad-doveri taghhom – ghandu jinghata l-protezzjoni kollha tal-ligi ...."**

Protezzjoni li sfortunatament f'dan il-kaz ma tistax tinghata lil Fortunata Spiteri li mietet mhux biss waqt il-qadi ta' dmirijietha, izda inqatlet ghaliex ghamlet dmirha, izda protezzjoni li l-Qorti tista' taghti lill-ufficjali pubblici ohra li ghandhom il-missjoni li jaraw li l-ordni tirrenja fis-socjeta' taghna u dan minghajr ma jigu mhux biss imxekkla, izda ukoll imbezza' minn nies bhall-appellanti milli jaghmlu dan. U allura ghalkemm huwa minnu illi l-verdett tal-gurati ma kienx wiehed unanimu, ghalkemm jista' jitqies li huwa wiehed vicin l-unanimita', madanakollu il-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet wahda li taghmel gustizzja fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz.

Illi maghdud dan madanakollu il-Qorti ma tistax ma tosservax id-dettami imfassla mill-Qorti Kostituzzjonali fir-rigward ta' persuni ikkundannati ghal ghomor il-habs. Fil-fatt anke il-legislatur haseb sabiex jigi in linja mal-pronunzjamenti maghmula mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fir-rigward, kif rifless fl-Abbozz ta' Ligi 199 tal-2017 li ghandu jintroduci l-artikolu 43A fil-Kapitolu 516 tal-Ligijiet ta' Malta, liema abbozz ta' ligi, madanakollu ghal xi raguni waqaf fl-istadju tat-tieni qari. Illi fil-fatt din il-Qorti kellha diga okkazzjoni ruhha tesprimi hekk:

*"Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti hija tal-fehma li, għalkemm f'din is-sede mhijiex qiegħda tistħarreġ xi lment ta' ksur ta' jedd fundamentali, ma tridx li tħalli li din is-sentenza jew dik li minnha sar appell jirfsu b'xi mod il-jeddijiet tal-appellant. Minħabba f'hekk, ma tħossx li tista' twarrab kunsiderazzjonijiet rilevanti li l-Qorti Kostituzzjonali ħadet dan l-aħħar f'każ li jirrigwarda wkoll ilment ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali fir-rigward ta' persuna li kienet ikkundannata għall-piena ta' għomor il-ħabs minn din il-Qorti.*

*F'dik is-sentenza, il-Qorti Kostituzzjonali saħqet li "l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni jiddetta li għandu jkun hemm mekkaniżmu ta' reviżjoni li jesiġi minn għand l-awtoritajiet kompetenti domestiċi li jaċċertaw ruħhom, fuq l-iskorta ta' kriterji oġġettivi stabiliti minn qabel u li l-persuna ikkundanata għal għomorha l-ħabs tkun ġiet mgħarrfa bihom meta ġiet imposta s-sentenza għall-għomor, jekk matul l-eżekuzzjoni tas-sentenza seħħewx bidliet sinjifikanti tali fil-persuna ikkundannata għal priġunerija għal għomorha u seħħx fih progress tali lejn ir-rijabilitazzjoni li l-kontinwazzjoni tad-detenzjoni ma tkunx aktar ġustifikabbli a bażi ta' konsiderazzjonijiet leġittimi penoloġiċi. Fin-nuqqas ta' tali mekkaniżmu, anke jekk tkun teżisti l-prospettiva tar-rilaxx, is-sentenza għall-għomor ma tkunx tista' titqies bħala riduċibbli għall-għanijiet tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni".*

*F'dan ir-rigward, il-Qorti Kostituzzjonali kienet qiegħda timxi fuq il-pronunċjamenti tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem f'għadd ta' sentenzi li ngħataw minnha f'dawn l-aħħar snin fuq dan is-suġġett. Illi, wara li l-Qorti Kostituzzjonali stħarrġet l-effikaċja tal-prerogattiva (presidenzjali) tal-maħfra u s-sistema tal-'prison leave' kif jinsabu regolati llum il-ġurnata, waslet għall-fehma li dawn ma jagħtux lill-persuna ikkundannata għall-piena tal-għomor fil-ħabs il-garanziji li ma jġibux fis-seħħ ksur tal-artikolu 36 tal-*

*Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni. Żiedet tgħid li "sabiex sentenza għall-għomor tkun komptibbli mal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni u mal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jeħtieġ li jkun hemm prospett ta' rilaxx kif ukoll possibilita' ta' reviżjoni tas-sentenza" u sabet li sentenza bħal dik mingħajr ebda possibilita' ta' reviżjoni tal-qagħda tal-ikkundannat kienet tikser kemm il-Kostituzzjoni u kif ukoll il-Konvenzjoni."*[16]

Illi, kif ingħad qabel, fil-każ tal-lum, l-Ewwel Qorti ikkundannat lill-appellanti għall-piena tal-għomor, u ma ressqet l-ebda rakkomandazzjoni taħt l-artikoli 493 u 494 tal-Kodiċi Kriminali. Ladarba sa llum ma jidhirx li tfasslu kriterji fil-liġi biex jaħsbu għal qagħda bħal din fejn tidħol il-possibilita' ta' reviżjoni tal-piena li għaliha kien ikkundannat l-appellanti, din il-Qorti jidhrilha li jixraq li tieħu provvediment sabiex jigi indirizzat tali nuqqas fil-liġi. Illi l-Qorti trid izzomm quddiem ghajnejha, izda, il-hsieb tal-legislatur kif imfassal fl-artikolu il-gdid 43A ghal Kapitolu 516 tal-Ligijiet ta' Malta li ghalkemm ghadu ma jiffurmax parti mill-qafas legislattiv ta' pajjizna, madanakollu qed jipprefiggi terminu ta' tletin sena prigunerija ghal biex l-ikkundannat ikun jista' jitressaq quddiem il-Bord tal-Parole imwaqqaf bl-imsemmi Att. Trid izomm quddiem ghajnejha ukoll l-fatt illi il-hati John Attard illum ighodd sebghin sena, u allura trid tara illi kwalunkwe rakkomandazzjoni trid tkun tali illi isservi ta' strument sabiex jigu imhares il-jeddijiet tieghu taht il-Kostituzzjoni u il-Konvenzjoni kif inghad. Illi allura, abbinat mal-fattur ta'l-eta', f'dan il-kaz il-Qorti trid bil-fors tiehu kont tal-fatt illi l-appellanti diga ilu tmien snin imprigunat. U allura sabiex ma ikunx hemm il-biza' li isehh ebda lezjoni tal-jeddijiet fondamentali li ghandu igawdi l-appellanti, u fid-dawl tal-hsibijiet kemm tal-legislatur, kif ukoll tal-pronunzjamenti kostituzzjonali, tordna li, mal-għeluq tal-perjodu ta' tnejn u

[16] Ir-Repubblika ta' Malta vs David Norbert Schembri deciza 30/11/2017

għoxrin (22) sena minn mindu tinghata din is-sentenza appellata u sakemm ma jkunx hemm disposizzjonijiet espressi ta' liġi li jgħidu mod ieħor, il-każ tal-appellanti jitressaq quddiem il-Bord tal-Parole imwaqqaf taħt l-Att tal-2011 dwar il-Ġustizzja Riparatriċi li jkollu s-setgħa u d-dmir li jwettaq dak ordnat mill-Qorti Kostituzzjonali fil-każ imsemmi.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellanti u tikkonferma għal kollox is-sentenza appellata, b'dan illi għall-finijiet tal-piena ta' għomor il-ħabs inflitta fuq l-appellanti, huwa għandu jibbenefika mill-mekkaniżmu maħsub fil-liġi, jew, fin-nuqqas ta' dan, minn miżuri u kriterji stabbiliti minn żmien għal żmien mill-Qorti Kostituzzjonali li jippermettu lill-appellanti li jitlob ir-reviżjoni tal-piena jew it-tnaqqis tas-sentenza jekk kemm-il darba jirriżultaw iċ- ċirkostanzi xierqa biex dan isir u in linja ma' dak hawn fuq deciz.

**Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon - Agent President**

**Onor. Imħallef Abigail Lofaro**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**